**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 11**

L-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1121, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 11.1 Talba

11.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 11.2 Ittri ta' Apoloġija

11.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 11.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

11.3.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 9 (Laqgħa b'urġenza) u 10 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

11.4.1 *Email* datata 29 ta' Jannar 2025 rigward *RIGHTS: The Children's Local Council*, għal tfal bejn is-6 u s-16-il sena sabiex jiġi ffurmat kunsill tat-tfal u għalhekk qed jiċċekkjaw hemmx tfal interessati. Il-Kunsilliera rrimarkaw li l-komunita' tal-Għasri hija waħda żgħira u għalhekk tkun problema sabiex jiġi ffurmat tali kunsill.

11.4.2 *Email* datata 21 ta' Frar 2025 mingħand il-perit tal-kuntrattur li ħa t-tender fejn osserva xi problemi li l-aħjar jiġu diskussi fuq il-post. Is-Sindku rrimarka li dawn ix-xogħolijiet iridu jsiru u għalhekk għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur u l-entitajiet l-oħra (tad-Drenaġġ u l-Ministeru) u għandu jipprepara BOQ ħalli jekk hemm il-ħtieġa li tintalab *variation* ikun jista' jsir dan.

## 11.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

11.5.1 Il-kunsilliera Liza Mintoff saqsiet jekk hux possibbli li tingħata għajnuna lil dawk l-individwi li qed jitimgħu l-*istray cats* fir-raħal peress li ġiet avviċinata minn uħud minnhom. Il-kunsilliera qablu li għandhom jiġu kkuntattjati l-entitajiet konċernati sabiex jiġi mressaq dan l-ilment. Il-kunsilliera ma qablux li għandha tingħata għajnuna finanzjara, iżda l-unika opzjoni hija li għal darba biss jinxtara l-ikel għall-ammont ta' €200 u jitqassam lil kull persuna li hija mniżżla fil-lista.

11.5.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward il-proġett tat-tisbiħ tal-pjazza. Is-Sindku rrimarka li xi snin ilu kienu saru xi pjanti u ġie propost proġett però l-kunsill ma kienx qabel ma tali proġett.

11.5.3 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk fi Triq il-Ġonna jistax jingħata ftit konkos ma rampa peress li meta tranġaw il-ħitan

kienet inqalgħet parti minnha. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex jirranġa tali ħsara.

11.5.4 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa jekk l-*ispeed bumps* waslux. Is-Segretarju Eżekuttiv informah li waslu u li għaddihom lill-kuntrattur sabiex jitwaħħlu. Għal dan il-għan għandhom jiġu ordnati wkoll it-tabelli li juru li hemm l-*ispeed bumps* fit-triq.

11.5.5 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa rigward id-*devolution.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li għandu jkellem lill-accountant dwarha.

## 11.6 Skemi maħruġa mid-Dipartiment

11.6.1 SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026. Il-Kunsilliera qablu li għandna napplikaw għal din l-iskema.

11.6.2 SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsilliera qablu li għandna napplikaw għal din l-iskema.

11.6.3 SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat x'attivitajiet jistgħu jsiru u fil-każ napplikaw għal din l-iskema.

11.6.4 SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi diskuss x'attivitajiet jistgħu jsiru u fil-każ napplikaw għal din l-iskema.

11.6.5 SPI/SCI/6/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Maġġuri. Il-Kunsilliera qablu li m'għandniex napplikaw għal din l-iskema.

11.6.5 SPI/SCI/7/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità. Il-Kunsilliera qablu li għandna napplikaw għal din l-iskema.

## 11.7 Materji Oħra

11.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ġiet proposta id-data tad-29 ta' Marzu 2025 fl-10:30am sabiex issir *Nutrition Talk* minn Miriam Saliba, fil-kunsill. Il-Kunsilliera qablu ma tali proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li għandu jerġa jkellimha sabiex fil-każ issir promozzjoni fuq il-midja soċjali u jitqassam *leaflet* ġo kull dar.

11.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li sa għada

għandha tingħata risposta lir-Reġjun Għawdex rigward x'attivita' ser tittella' (Region of Culture Gozo 2025). Il-Kunsillier Salvu Felice Pace ppropona li jiġu mitkellma xi anzjani u jittieħed vidjow sabiex jirrakkontaw it-tfulija tagħhom ġewwa l-Għasri u jiġi muri f'tali attività. Ippropona wkoll li jiġu mitkellma xi pitturi, mużiċisti ru oħrajn sabiex jipproponu l-materjal tagħhom u għal dan il-għan għandha titqassam *leaflet* ġo kull dar sabiex naraw il-persuni interessati li jipparteċipaw għal tali attività. Bħala data qed tiġi proposta d-data tas-27 ta' Settembru 2025.

11.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara l-laqgħa tax-xahar li għadda bagħat *email* lid-DG Vicky Xuereb sabiex jiċċekkja fuq l-istat tal-ħitan fi Triq l-Għasri iżda ma rċieva l-ebda risposta.

11.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li l-kuntrattur irreveda l-istejjem tat-toroq: Triq il-Knisja u Triq Wied l-Għasri. Triq il-Knisja, ġiet tammonta għal €8,727.08 u ta' Triq Wied l-Għasri jekk ma jingħatax t-*top layer* l-ammont jonqos b'€9,000. Ġie vverifikat kemm hemm fondi fil-kont bankarju u ġie rrimarkat li tali toroq jistgħu jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-aħjar tali toroq ma jsirux flimkien u ġibed l-attenzjoni wkoll li avolja hemm il-flus fil-kont bankarju, il-kunsill għandu joqgħod attent kif jintefqu l-flus.

11.7.5 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li fi Triq Wied Sara peress li t-triq għadha ma ttranġatx hemm resident li għandu rampa u x'ħin jiġi biex jidħol bil-karozza, il-karozza qed tħokk il-qiegħ u għalhekk qed jitlob li jintefa' ftit *cold asphalt.* Il-Kunsilliera qablu li tali xogħol għandu jsir mill-kuntrattur.

11.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-bitħa fadal xi siġar li jridu jitħawwlu u li ġie propost li jitħawwlu ħdejn il-knisja, ħdejn il-*public toilets*. Il-Kunsilliera qablu li tali għandhom jitħawwlu fi Triq l-Għasri fejn hemm is-siġar neqsin.

11.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li tranġat il-librerija, tal-Librerija kellmu l-librara tal-kunsill u jridu jagħmlu *open day*, pero' qabel ma ssir l-*open day* hemm il-ħajt għadu jrid jitranġa. Is-Segretarju Eżekuttiv ppropona li l-ħajt jitgħatta b'pvc *sheets*. Is-Sindku rrimarka li l-aħjar jitgħatta bil-*gypsum* u jinżebagħ kulur il-ħajt.

11.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ma ngħatatx risposta rigward is-safra li kienet qed tiġi ppjanata għax-xhur tas-sajf u li għalhekk ser jiġi mitkellem *tour operator* ieħor sabiex naraw x'jista' jiġi propost. Il-laqgħa mat-*tour operator* ser tkun nhar it-Tnejn li ġej.

11.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien hemm sitt (6) applikazzjonijiet għall-vakanza ta' skrivan/a fi ħdan il-kunsill u li hemm min ma jikwalifikax ukoll. Il-kunsilliera qablu li dik għandha tkun deċiżjoni tal-Bord.

11.7.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li bagħat *email* lill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward id-DPF Funds sabiex jiġu restawrati l-bankijiet, t-*telephone box* u l-ħajt tas-sejjieħ u qed jistenna risposta.

11.7.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li saret talba sabiex id-dustbin li hemm quddiem il-post fejn kienet topera l-pulizija jitneħħa minn hemm. Il-kunsilliera qablu li għandu jitneħħa u jitpoġġa ħdejn il-public toilets.

11.7.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li d-dawl taż-*zebra crossing* ordnat iżda tali ma jistax ikun *solar powered* iżda jkun imqabbad mad-dawl u għalhekk il-persuna li ser twaħħal id-dawl għandha tiċċekkja ma fejn għandu jitqabbad.

## 11.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

11.8.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-09 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 11.9 Tmiem il-laqgħa u data tal-lagħa li jmiss

11.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Erbgħa 30 ta' April 2025.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |